BirdLife
MALTA

# Il-Mixja għan-Natura ta' BirdLife Malta tiġbor is-somma ta' €700 b'risq aktar riżorsi tal-edukazzjoni ambjentali

## Madwar 100 parteċipant – familji u tfal – jieħdu sehem fil-mixja annwali mill-Imdina sas-Simar

Matul il-Mixja għan-Natura (Walk for Nature) li tkun organizzata kull sena minn BirdLife Malta ngħabret is-somma ta' aktar minn €700 bis-saħħa tal-appoġġ ta' madwar 100 parteċipant, l-aktar familji u tfal, li ħadu sehem f'din l-attività annwali li saret ilbieraħ. Il-flus miġbura se jiġu investiti f'riżorsi ġodda tal-edukazzjoni ambjentali li se jgħinu biex aktar nies jersqu eqreb lejn in-natura, fosthom kameras biex isir *live streaming* fir-riservi naturali tal-NGO.

Fil-mixja mill-Imdina sar-Riserva Naturali tas-Simar ingħaqdu wkoll esperti lokali tan-natura li animaw il-mixja u għenu lil dawk li ħadu sehem fl-attività biex jidentifikaw postijiet fejn jgħixu speċi naturali differenti u anke spjegawlhom aktar dwar il-ħabitati li ltaqgħu magħhom tul ir-rotta.

Fi tmiem il-mixja, it-tfal ġew ippremjati b'*goody bags* u saret ukoll ċerimonja tal-premjazzjoni għal dawk li ġabru l-akbar ammont ta' donazzjonijiet, bil-parteċipant li ġie fl-ewwel post jingħata kopja tal-ktieb *The Natural History of the Maltese Islands* ġentilment mogħti b'donazzjoni lil BirdLife Malta mill-Book Distributors Limited (BDL).

L-Education Manager ta' BirdLife Malta Sarah Brady qalet: "Ħadna gost naraw daqstant tfal u familji jgawdu n-natura u t-temp sabiħ tar-rebbiegħa fi tmiem il-ġimgħa, fl-istess ħin li jiġbru fondi għar-riservi naturali tagħna. Ninsabu grati ħafna lejn dawk kollha li kkontribwew bid-donazzjonijiet tagħhom u rridu nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-Mixja għan-Natura."

Il-Walk for Nature hija avveniment annwali importanti fil-kalendarju tal-attivitajiet ta' BirdLife Malta, u tipprovdi l-aqwa opportunità lill-familji biex igawdu n-natura matul iż-żmien tar-rebbiegħa, kif ukoll fl-istess ħin tgħin biex titqajjem kuxjenza favur il-konservazzjoni tan-natura.

Jekk int interessat tipparteċipa fl-attivitajiet li għandha ppjanati BirdLife Malta, agħmel *like* lill-paġna tagħna fuq Facebook, inkella kklikkja hawn.

**TMIEM**



**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**

- Ir-riservi naturali ta' BirdLife Malta: http://birdlifemalta.org/nature-reserves
- BirdLife Malta toffri diversi kategoriji ta' sħubija għal adulti, tfal u familji li kollha jservu bħala appoġġ għax-xogħol importanti li nwettqu. Għin biex tagħmel id-differenza billi ssir membru ta' BirdLife Malta: http://birdlifemalta.org/become-member

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/diZANJuAMU**

- Għażla ta' ritratti tal-Mixja għan-Natura li saret ilbieraħ. ***(Ir-ritratti huma kollha captioned, meħudin minn Eleni Karatzia)***

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/5O8U-ZVns98**

- Filmati tal-Mixja għan-Natura li saret ilbieraħ. ***(Filmati ta' Kinga Kupska u Michal Wolowik, muntaġġ ta' Kinga Kupska)***

